Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Fabian Fleri]

[Spettur James Grech]

vs

-Ommissis-

Daryl Mark Pace

Kumpilazzjoni Numru: 183/16

Illum, 7 ta' Frar 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u Daryl Mark Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 440092M akkuzati talli fil-lejl ta' bejn id-29 u it-30 ta' Marzu 2014 mill-istabbiliment bl-isem ta' 'More Supermarket', li jinsab gewwa Triq L-Ghollieq Mosta flimkien ma' persuna ohra kkommettew serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-2329.45 Euros (elf lira Maltija) u bil-hin u dan ghad-detriment tad-dirigenti tal-istess stabbilimenti u/jew persuna/i ohra. *Art. 261 (a)(b)(c)(f), 262 (1)(b), 263(a), 267, 270, Kap 9;*

Lil -Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

Lil Daryl Mark Pace wahdu akkuzat ukoll talli:

fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Mizzi LLD datata 18 ta'

Novembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LLD datata 14 ta' Marzu 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' April elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

a. Fl-artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq minn go *supermarket* li jinsab il-Mosta, senjatament More Supermarket.

Illi xehed l-**Ispettur Fabian Fleri** li spjega li fit-30 ta' Marzu 2014 gew infurmati li sehhet serqa minn gewwa More Supermarket li dak iz-zmien kien taht *refurbishment* u allura l-*alarm system* ma kienx qed jahdem mentri s-CCTV kellu nofs il-*cameras* qed jahdmu u l-kumplament le. Mill-*cameras* irrizulta li kien hemm tliet persuni li fethu s-*safe* u dawn kienu gew b'vettura tal-ghamla Mazda 323. Zied jghid li l-persuni ma kellhomx wicchom mghotti izda kienu liebsin *hoodie* u fosthom setghu jiddentifikaw lill-akkuzat li huwa gharaf fl-awla. Dahlet ukoll informazzjoni li s-serqa saret minn Daryl Mark Pace, huh Brandon Pace u certu Marvin Zammit. L-ahwa Pace uzaw il-vettura ta' ommhom bin-numru ta' registrazzjoni FAE 917. Irrizulta lill-Pulizija li jumejn wara s-serqa l-ahwa Pace xtraw

vettura kull wiehed. Sussegwentement gew arrestati fejn l-ahwa Pace nnegaw dan kollu mentri Marvin Zammit spicca rregistra ammissjoni. L-Ispettur esebixxa serje ta' dokumenti fejn fosthom esebixxa l-istqarrija tal-imputat (Dok. FF7), il-*localisation* rekords ta' Vodafone Malta Ltd (Dok. FF15) u serje ta' ritratti mehudin mis-CCTV cameras (Dok. FF20), fost ohrajn.

L-Ispettur Fabian Fleri esebixxa wkoll sentenzi li nghataw kontra l-imputat li gew immarkati minn Dok. FF23 sa Dok. FF28.

Illi xehed **George Coppola**, haddiem gewwa More Supermarket, li qal li kien mar kmieni x-xoghol u meta waslet is-*supervisor* biex tiftah, indunaw li l-bieb kien miftuh u kienet sehhet serqa. Kulma ra x-xhud kien il-bieb miftuh u gewwa ra xi sgassatura fil-bieb pero` ma ra xejn izjed ghaliex imbaghad gew is-sidien u hadu over huma. Huwa kien ma' certu Malcolm u s-*supervisor* li jisimha Jessica.

Xehed **Malcolm Roto,** haddiem iehor ta' More Supermarket li qal li jiftakar li kienet ser tiftah is-*shop manager* izda raw li l-bieb kien miftuh, kien hemm xi kantun b'*wire* li kien maqluh u kien hemm

bieb sgassat. Qal li m'ghandux ideja ta' x'insteraq u ghalhekk ma jafx iktar minn dak li xehed.

Xehdet **Marisa Gauci** li esebiet l-informazzjoni li harget wara rikjesta mill-Pulizija dwar certu *mobile numbers*. Id-dokument gie esebit bhala Dok. MG1.

Xehdet **Karen Cremona**, rapprezentanta ta' Transport Malta, li qalet li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE 917 Mazda 323 hija registrata fuq Lisa Pace u ilha hekk registrata mill-10 ta' Marzu 2014. Il-vettura Peugeot 607 bin-numru ta' registrazzjoni ACB 486 ukoll hija registrata fuq Lisa Pace u ilha hekk registrata minn April 2014. Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. KC1.

Xehed **John Sacco** li gie nominat biex johrog l-i*stills.* Huwa esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. JS1.

Xehed l-**Ispettur James Grech** li esebixxa *evidence bag* li jikkontjeni *jeans, hoodie* u cintorin (Dok. JGX). Ipprezenta wkoll ricevuta mahruga mis-surgent lil Brandon Pace (Dok. JGX1) minhabba s-*search* li ghamlu fir-residenza Crescent Court, Flat 1, Sqaq il-

Qajjied, Siggiewi. Esebixxa wkoll Dok. JGX3 li jikkonsisti fid-dettalji tal-imputat u cioe` l-*ID card* u *mobile numbers* 99302827 u 99604750. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Inkontroezami l-Ispettur James Grech qal li waqt il-hin tas-serq kien hemm telefonati bejn l-imputat, huh u Marvin Zammit. Spjega li kien hemm *localisation record* ta' telefonati u SMS's li ghamlu u li rcevew fil-hin tas-serq li jpogguhom propju fil-post tas-serq. Mistoqsi ghalfejn dam biex iressaq lill-imputat qal li kien hemm investigazzjoni ghaddejja fuq diversi serqiet.

Xehed **Marvin Zammit** li kkonferma li l-kaz tieghu gie deciz. Qal li fis-serqa ta' More Supermarket kienu tliet min-nies. Qal li huwa ha xi hdax/tnax-il elf ewro minn din is-serqa u l-ohrajn ikunu hadu bhalu. Qal li ma jiftakarx in-numru tal-mobile tieghu ta' dak iz-zmien izda ftakar li kienu marru b'vettura tal-ghamla Mazda ta' lewn ahmar jew blu. Qal li l-vettura setghet kienet ta' Brandon Pace u dakinhar tas-serqa kienu huwa, Brandon Pace u Daryl Pace. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud rega' kkonferma li fis-serqa tal-More Supermarket kienu huwa, Brandon Pace u Daryl Pace. Fis-serqa tal-kazin qal li kienu huwa u Brandon Pace zgur

izda ma ftakarx jekk kien hemm haddiehor maghhom. Fis-serqa tal-More Supermarket qal li kien hemm xaqq fil-gebel u kien hemm *fence* li jinqala' u dahlu minn hemmhekk. Zied li l-flus kien hadhom huwa minn gos-*safe* u dan fethu bic-cwievet li sabu fil-kexxun.

Xehdet **WPS 63 Janet Zammit** li kienet giet mitluba mill-Ispettur investigattiv sabiex taghmel *downloads* mis-CCTV tal-More Supermarket. Hija esebiet *envelope* b'sett ta' ritratti (Dok. JV1). Esebiet ukoll ritratti li ttiehdu mill-*camera* ta' residenza gewwa l-Mosta (DOk. JV2). Ipprezentat ukoll filmat (Dok. JV3) li ttiehed minn go residenza ohra gewwa l-Mosta.

Xehed **PS426 Anthony Portelli** li spjega li mar jaghmel tfittxija fir-residenza fejn kien jghix Brandon Pace fejn ghamlu tfittxija ghal hwejjeg relatati mal-kazijiet li kienu qed jigu investigati. Qal li minn gol-kamra tas-sodda ta' Brandon Pace eleva flokk bil-*hood*, *jeans* u cintorin tal-gilda. Hareg ircevuta u Brandon Pace iffirma ghaliha. Ritratt tal-hwejjeg gie mmarkat bhala Dok. AP1.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2020 id-difiza talbet *social enquiry report*.

Xehed **Dorian Cornelius** li pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. DC1. Ix-xhud qal li l-imputat kellu xoghol li pero` mhuwiex regolarizzat. Qal li ghandu support mill-familja tieghu u qal ukoll li kien konsistenti fl-appuntamenti tieghu u anki fl-appuntamenti tieghu mal-Agenzija Caritas minhabba problema ta' droga. F'seduta ohra x-xhud qal li ma setax jaghti dettalji ghaliex l-imputat naqas milli jattendi ghall-appuntamenti moghtija lilu sabiex issir *test* tal-urina.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kamp kriminali tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha u ggib quddiem il-Qorti l-ahjar provi, u dan trid taghmlu oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tilhaq dan il-grad tal-prova u l-Qorti hija konvinta fil-htija tal-imputat, u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni resqet quddiem il-Qorti l-prova regina li tikkonsisti proprju fix-xhieda ta' Marvin Zammit. Dan ix-xhud kien wiehed mill-persuni li dahal jisraq gewwa l-More Supermarket. Marvic Zammit kien ammetta l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk xehed quddiem din il-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Ix-xhud Marvin Zammit ikkonferma li huwa kien mar il-More Supermarket flimkien ma' Brandon Pace, li miet fil-mori tal-proceduri, u Daryl Mark Pace. Ikkonferma wkoll li kienu marru b'vettura tal-ghamla Mazda li x'aktarx kien ta' lewn ahmar. Jidher car mill-i*stills* li l-persuni kienu propju tlieta u li huma kienu waslu u anki telqu b'Mazda 323.

Aktar importanti minhekk, ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u kkonferma li huwa kien mieghu dakinhar li dahlu jisirqu l-More Supermarket. Ikkonferma wkoll li kull persuna kienet hadet circa

hdax-il elf ewro (€11,000) minn din is-serqa u li l-flus kienu haduhom minn go *safe*. Dawn il-persuni jifthu *s-safe* jidhru b'mod car ukoll fl-*istills* li gewipprezentati mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi apparti x-xhieda ta' Marvin Zammit, li kif diga` nghad hija prova regina f'dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni resqet diversi provi ohra, liema provi jikkonsistu f'provi cirkostanzjali.

Illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha, u ghandha tkun fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada</u>** datata hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might*

*be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubju li l-provi cirkostanzjali flimkien max-xhieda ta' Marvin Zammit iwasslu ghall-kolpevolezza tal-imputat. Harsa lejn il-provi cirkostanzjali li ngabu quddiem din il-Qorti wiehed isib serje ta' ritratti u cioe` *stills* tal-vettura hamra tal-ghamla Mazda 323 li giet uzata waqt is-serqa. Apparti minhekk hemm prova dokumentarja li omm l-imputat u cioe` Lisa Pace ghandha vettura registrata fuq isimha li hija proprju Mazda 323 ta' lewn ahmar.

Illi l-imputat tramite l-istqarrija tieghu kkonferma li ommu hija Lisa Pace u li hija ghandha vettura tal-ghamla Mazda 323. Konfrontata b'dan ic-*chain of evidence* l-Qorti tinsab konvinta li

hawnhekk si tratta propju tal-istess vettura. Jinghad li l-Qorti nnutat li meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, l-istess imputat kellu biss id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu. Minkejja dan din il-Qorti ssib konfort fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Beuze vs Belgium** (tad-9 ta' Novembru 2018) li gie deciz mill-Appell (Grand Chamber) fejn il-Grand Chamber osservat li l-fatt li kien hemm nuqqas sistematiku, peress li fil-mument li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat il-ligi ma kinitx tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat lanqas qabel ma ttiehdet l-istqarrija, ma wassalx ghall-lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq u dan stante li xorta kien inghata garanziji ohra ezistenti fis-sistema b'dana li ghaddiet mit-test tal-*overall fairness* tal-proceduri. Fil-kaz in ezami l-Qorti tinnota li l-imputat mhuwiex persuna vulnerabbli u lanqas huwa gdid ghall-proceduri kriminali u ghaldaqstant l-istqarrija mertu ta' dawn il-proceduri ma gietx skartata anzi giet ikkunsidrata bhala prova.

Illi l-Qorti rat ukoll li gew esebiti d-dettalji tal-imputat li juru zewg numri ta' telefon cellulari li kien juza l-imputat. Dawn gew ikkonfermati minn rapprezentant ta' Vodafone li kkonferma wkoll

il-*localisation* tal-istess numri li fil-fatt irrizulta li kienu fuq ix-xena tad-delitt fid-data u l-hin inkwistjoni.

Illi dawn il-provi kollha flimkien max-xhieda ta' Marvin Zammit ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant, tant li l-assjem tal-provi jwasslu ghall-konvinzjoni ta' din il-Qorti oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi rigward it-tieni akkuza l-Qorti tinnota li l-imputat permezz ta' sentenza datata 18 ta' Novembru 2010 inghata sentenza sospiza ghal erba' snin u ghalhekk huwa kkommetta r-reat mertu ta' dawn il-proceduri propju waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi rigward it-tielet akkuza, il-Qorti tinnota wkoll li permezz ta' sentenza datata 14 ta' Marzu 2014 l-imputat tqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' tliet snin u ghalhekk fid-data ta' dan ir-reat l-imputat kiser ukoll il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tal-istess ordni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b),

280 u 281, 28B, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Daryl Mark Pace hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih a rigward l-ewwel (1) akkuza tikkundannah ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a rigward it-tieni (2) akkuza tordna li s-sentenza sospiza msemmija fit-tieni (2) akkuza tkun effettiva.

A rigward it-tielet (3) akkuza tikkundannah ghal ammenda ta' mitejn u tliet mitt ewro (€230).

----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**